**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. DONATELLA M. FRENDO DIMECH LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum, 5 ta' Lulju, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**-vs-**

**Giuseppe Fenech detentur tal-Karta tal-Identità numru 566350M**

Kumpilazzjoni Nru. 708/2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imputat Giuseppe Fenech talli: -

1. Fiż-Żejtun nhar is-26 ta' Novembru, 2014, għal ħabta tat-tlieta nesqin kwart ta' wara nofsinhar (14:45) volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobli u ċioe ħsara li tammonta għal aktar minn €2500 għad-dannu ta' Gaming Operations Ltd bħala operatur tal-istabbiliment Fairplay;

2. Volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet pubbliku.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:

Illi dan kien incident dovut intjerament ghall-imputat li kien makhum mil-vizzju tal-loghob. Meta dan ma rnexxilux jirbah fuq xi magni tal-loghob li kien qed jilghab fuqhom, infexx f'daghdiha jkisser dak li sab quddiemu. Dak hu l-vizzju tal-loghob li jizvesta lil persuna mir-raguni, mis-sens kommun u minn kwalunkwe agir civiku.

Semghet lil Sergio Cappitta, **Operations Manager** ta' Gaming Operations Limited li joperaw diversi hwienet tal-loghob taht l-isem *Fairplay* fosthom il-hanut fejn saret il-hsara mill-imputat, jixhed li l-ispejjez lahhqu is-somma totali ta' €6,440.25.[1] Ikkonferma li d-danni subiti gew rizarciti mill-kumpanija assikurattiva ghajr ghall-*excess* fejn gew mhallsa €6, 031.50c;[2]

Semghet lil PS 639 Jeanmar Mangion jixhed dwar dak li kkonstata malli wasal fuq il-post u cioe` l-oggetti maqlubin u jew mkissrin li sab gol-hanut Fairplay.

Illi l-imputat xehed li hu jiddispjacih ghal dak li ghamel. Jixhed li hu kien mahkum anke mil-vizzju tax-xorb u li dakinhar tal-incident kien tilef €820. Meta hu ra li ma rnexxilu jaghmel l-ebda rebh kien ingarr mir-rabja li hakkmitu.

Mill-atti processwali ghalhekk l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gew soddisfacentement ppruvati.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tal-kaz, l-fedina penali tal-imputat li mhix xi wahda allarmanti fejn jirrizulta li l-ahhar trasgressjoni tirrisali ghall-kwazi ghoxrin sena ilu.
Illi l-Qorti tikkunsidra li l-imputat ghandu bzonn aktar ghajnuna sabiex jeghleb il-vizzji tax-xorb u tal-loghob li jahkmuh, minn liema vizzji qed jaghmel hiltu biex jinhall. Ghalhekk certament piena karcerarja mhix wahda idonea.

---

[1] Fol.35 et seq
[2] Xhieda John Galdes Fol.62 et seq

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 325(a) u 338(dd) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien tlett (3) snin.

Inoltre a tenur tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett snin sabiex jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega kemm biex jeghleb l-vizzji tal-loghob u tax-xorb li wasslu ghall-aggressivita` tieghu kif ukoll kwalunkwe ghajnuna psikologika jekk tirrizulta li hija mehtiega.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jinghatawlu inkwantu ghall-Ordni ta' Trattament.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficcju tal-Probation u l-Parole.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**